# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru sittax (16) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar id-9 ta' Diċembru, 2013, fis-6.15pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Maria Zammit | Ambaxxatur taż-żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻAT: | Michel Farrugia | Kunsillier |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-Minuti tas-seduta numru ħmistax kienu mgħoddija mis-SE permezz ta' e-mail lill-kunsillieri u dawn kienu approvati u ffirmati wara li sarulhom xi korrezzjonijiet li xtaqu l-kunsillieri kif jidhru fuq il-kopja oriġinali li wkoll kienu inizjalati.

**Punti mill-Minuti:**

3. Paul Spiteri qal li irridu nagħmlu aktar enfasi sabiex jinxtgħel mill-ġdid il-Ġnien tal-Mentna kif ukoll il-kaskata li ilha ma tixhel żmien twil. Intat kien deċiż illi niktbu lill-kuntrattur u lill-perit biex infehmuhom illi kull darba qed taqa' s-salvavita u jintefa' kullimkien.

4. Dwar il-ħarġa li jmiss tal-fuljett tal-KLM, is-Sindku qal li domna biex bagħtna l-artikli lill-istampatur u dal-għodu kien iffaċċjat b'għażla, li jew nikkonfermawh kif inhu jew inkella ningħataw il-kopji wara l-Milied. Hu qal li ħadha fuqu illi jagħmel il-korrezzjonijiet tal-ortografija u jikkonfermah.

5. Dwar il-wirja tal-pittura li tella' l-KLM bil-koperazzjoni tal-artista Anna Marie Hoogvliet Weijers, intqal illi kien hemm parteċipazzjoni tajba speċjalment fil-ftuħ tagħha u bħala kumpens hija irregalat lill-KLM żewġ imkwatri li juru il-Pjazza tal-Knisja tal-Imqabba. Il-KLM laqa' l-Ministru għat-Turiżmu fil-ftuħ ta' din il-Wirja fl-Isptar il-Qadim. Intant is-Sindku qal li rridu nnaddfu mill-materjal il-kantina u tal-ġnien tal-isptar kif ukoll se noffru l-post lill-uffiċċju responsabbli mit-tiġdid tal-karti tal-identita' sabiex l-eżerċizzju li jmiss isir f'din il-propjeta'.

6. Dwar il-bibita tal-aħħar tas-sena, għall-għaqdiet (NGO's), kien deċiż li ssir nhar id-29 ta' Diċembru, 2013, konġunta mal-Kappillan tal-Imqabba. Il-*catering* se jkun ordnat minn għand *Trokadero* Pastizzerija.

7. B'riferenza għall-attivita' kulturali bl-isem *Biss Bil-Ħila,* Charlene Zammit talbet biex jinħareġ ċertifikat ta' parteċipazzjoni lill-Nicholai Farrugia talli dan kien esebixxa xi xogħlijiet tal-arkett. It-talba intlaqgħet.

8. Intant, il-Viċi Sindku talbet illi ssir talba formali lill-Transport Malta sabiex tkun asfaltata u mibnija Triq George Martin li hija mimlija kollha Tajn. Dwar dan is-Sindku ippropona illi nitfgħu ftit *scarifying material,* permezz tal-kuntrattur Elle's li jagħmel il-manutenzjoni tat-toroq sakemm issir it-triq kif suppost.

9. Grace Marie Mallia f'dan il-punt tkellmet fuq il-ħtieġa ta' manutenzjoni bil-HRA fi Triq Santa Katerina u Triq il-Mitħna, fejn qalet illi hemm bżonn li jsiru mill-aktar fis possibbli ma dik li semma' s-Sindku fi Triq il-Murselli.

10. Dwar id-*Development Notice Order* li applikajna biha mal-MEPA biex joħroġ il-permess ta' embellishment f'Misraħ il-Fidwa, jidher li hemm bżonn li jsiru *fresh plans* mill-Perit tagħna u dawn jerġgħu jintbgħatu lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita'. Is-Sindku qal li kif jgħaddi l-Milied se nibdew jinqalgħu il-bandli mis-sit. Intant jidher li matul il-ġurnata ġew xi uffiċjali tal-MEPA u talbu għal DNO qabel ma jibda' r-restawr fuq l-istatwi tal-Mentna.

11. Dwar il-petizzjoni li kienu iffirmaw il-ġenituri sabiex it-tfal tagħhom ma jinqatgħux minn mal-Kulleġġ San Benedittu, is-SE kien mitlub sabiex jibgħat reminder lis-Sur David Caruana, ic-Chief of Staff fil-Ministeru tal-Edukazzjoni li kellhom laqgħa miegħu kemm hu kif ukoll is-Sindku meta ppreżentawlu l-istess petizzjoni.

12. Dwar il-problema tal-ħofra taħt ir-riħ ta' Triq tas-Sejba, is-SE kien mitlub iġib kwotazzjoni ta' land survey li l-Perit William Lewis xtaq li jirrepeti ruħu għal sena kull tliet xhur kull 50m ta' triq bil-ħajt b'kollox. Hekk kif din tkun f'idejna se nikkunsidraw l-ispiża. Intant, is-Sindku qal li reġa' sabu sid il-barriera li issa dawwar il-katusa tal-ilma tat-tinda għal fuq it-triq u tkellem miegħu dwar il-bankina li qal li hemm bżonn togħla quddiem is-sit. Is-Sindku qal li jekk it-triq terġa' ċċedi, sid il-barriera jrid jerfa' r-responsabbilta'.

13. It-talba għal manutenzjoni fi Triq is-Siġġiewi, il-Qrendi biex tibda tattira aktar vetturi li jkunu sejrin miż-Żurrieq lejn is-Siġġiewi skont kif talab Michel Farrugia, saret mis-SE fuq is-sistema tal-Customer Care (20113045202489).

14. Is-Sindku semma' l-plenarja li organzzat l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nhar is-7 ta' Diċembru fil-lukanda Dolmen fejn ukoll irrefera għall-agenda diskussa tal-open markets, permezz tar-rapport tas-sindku ta' M'Xlokk, u wkoll l-issue tal-flus u d-distribuzzjoni tagħhom fi ħdan ir-Reġjun.

15. B'riferenza għall-veduti li ta l-KLM dwar l-istrateġija tal-Iskart, kien diskuss kif fir-raħal tagħna il-komunita' kummerċjali qed tiddisponi mil-kaxxi tal-kartun li qed itiru bir-riħ fl-inħawi ta' Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira u fl-istess ħin kif ħafna nies qed jużawhom biex fihom iġemmgħu il-ħġieġ biex joħorġuhom nhar l-ewwel ġimgħa tax-xahar għall-kollettur tal-ħġieġ. Intant saret referenza għall-kaxxi fl-art ħdejn iċ-ċimiterju fejn il-kontenituri tas-separar tal-iskart kif ukoll għal saqqijiet li ntefgħu fi sqaq mhux asfaltat fejn iċ-ċimiterju. Charlene Zammit irrappurtat dwar il-laqgħa tal-Waste Management nhar il-25 ta' Novembru. Hija qalet illi l-Gvern Ċentrali permezz tal-Onor Leo Brincat u l-Onor Jose' Herrera ippreżentaw il-pjan li fost l-oħrajn jesiġi li tinżamm ġurnata fejn jinġabar l-iskart organiku biss. Hija qalet illi qed jiġi studjat kif it-tenders jistgħu jinħarġu mir-Reġjun flok mill-Kunsilli Lokali. Kien hemm proposti oħrajn fejn fost l-oħrajn issemmew kif jista' jerġa' jibda' jinġabar l-iskart bil-lejl minkejja li f'lokalita' minnhom kien hemm 62 ilment.

16. Is-Sindku irrapporta dwar il-laqgħa li saret mill-Ministeru tat-Turiżmu nhar l-4 ta' Diċembru li wkoll kien preżenti għaliha is-SE. Hu qal li issa irrevedew l-itinerarji u matul il-laqgħa ħareġ illi l-*hop-on-hop-off buses* huma għoljin ħafna u matul il-laqgħa saret enfasi fuq it-tours organizzati. Hawn Charlene Zammit qalet illi nistgħu nilqgħu lil grupp ta' viżitaturi per eżempju minn Għawdex, filwaqt li nistgħu nieħdu grupp Imqabbin lejn din il-gżira.

17. Ġiet diskussa l-proposta li tinfetaħ *facebook page* uffiċjali tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba fejn l-amministratur minbarra li jkun irid jissorvelja b'mod kostanti is-sit ikun irid iħassar xi notifications/posts li jkunu qed jitfgħu lill-KLM f'dawl negattiv. Is-Sindku qal illi mhux rakkomandabbli illi jkun dedikat daqshekk ħin f'affarijiet mhux daqshekk materjali.

18. Il-KLM iddeċieda u ħa l-parir tal-Perit William Lewis illi jsir topographic survey madwar il-ġibjun ta' Triq il-Konvoj ta' Sta Marija, liema suġġet kien diskuss nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru mas-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru l-Onor Michael Farrugia. Is-Sindku qal li fl-istess laqgħa indikajnielu wkoll il-proposta tal-Pjan Lokali għan-Nofs-in-nhar ta' Malta, illi hu previst li jsir ġibjun addizzjonali fl-inħawi ta' Triq Ġanni Darmanin. Hawn is-PS qalilna illi l-KLM irid isib il-fondi għal dawn iż-żewġ proġetti kbar minkejja li kien tal-ideja li dwar tal-aħħar tinkiteb ittra lill-Kummissasrju tal-Artijiet biex issir stima għall-*expropriation*. Hawn Nicholas Briffa talab lill-Perit William Lewis jagħmel id-diżinn tad-*Day Centre*. Is-Sindku qal li wara l-laqgħa li kellu mas-Segretarju Parlamentari Ian Borg, ġie nfurmat li l-fondi tal-EU 2014/2020 ser jikkonċentraw fuq l-IT u r-riċerka, għaldaqstant irridu ndaħħlu wkoll dan il-kunċett fil-binja. Charlene Zammit qalet li rridu nibdlulu in-nomenklatura u napplikaw għall-fondi tal-Unjoni Ewropeja bil-premessa ta' *bridging the generation gap*.

19. Dwar iż-żgħażagħ li kienu appuntati għall-Kunsill Nazzjonali taż-żgħażagħ, Grace Marie Mallia staqsiet dwar l-isem ta' Fabrizio Farrugia u kif dan issa fforma is-sitt membru. Hawn Charlene Zammit qalet li ridna nagħtuhom l-ismijiet ta' dawn iż-żgħażagħ sa nhar id-29 ta' Novembru, filwaqt li Grace Marie Mallia qalet li dawn l-ismijiet kellhom jiġu quddiem il-kunsill l-ewwel u mhux tkun taf bihom il-*Youth co-ordinator* tal-Aġenzija Żgħażagħ, Ms Josette Camilleri, qabel il-kunsillieri. Charlene Zammit qalet li l-ismijiet għaddew għand l-Aġenzija Żgħażagħ qabel ġew quddiem il-KLM, għax il-KLM ma laħaqx iltaqa' qabel id-29 ta' Novembru. Qalet ukoll li jekk il-kunsillieri għandhom xi oġġezzjoni għal xi isem, din tista' tiġi diskussa fil-KLM. Madankollu Nicholas Briffa qal li issa l-Kunsill hu diġa' magħqud filwaqt li Paul Spiteri qal li m'għandu l-ebda oġġezzjoni.

20. Charlene Zammit tkellmet fuq il-ġugarelli li se jinxtraw għall-*party* tat-tfal. Hija qalet li hija marret waħidha tfittex għaliex Grace Marie Mallia kellha l-ħinijiet li fihom kienet disponibbli ma jaqblux ma tagħha. Il-Viċi Sindku qalet illi marret għand il-*Handcrafts* li offra skont ta' 15%, il-*Pedigree Toyshop* qed jagħlqu l-operations tagħhom u għandhom skont ta' 50% fosthom suldati għall-prezz ta' €10, rifles għal €2.99 u pupi. F'dan il-punt issemma' ESL bi skont ta' 30% u l-Kids Zone. Is-Sindku inkariga lill-Charlene Zammit, Grace Marie Mallia u lil Paul Spiteri biex jiddeċiedu. Kien deċiż ukoll illi ma jkunux minfuqa aktar minn €5 għall-kull ġugarell. Għall-party kienu msemmija diversi food ítems bħal fruit salad, pastizzi u pizza, sandwiches u pannini. Intant nhar il-11 ta' Diċembru, 2013, is-SE se jibgħat lista aġġornata tal-applikanti kollha lill-kunsillieri filwaqt li se naraw jekk ikunx jista' jilbes ta' Fr Christmas il-persuna li s-soltu kienet qed tivvolontarja li tagħmel dan.

21. Is-Sindku qajjem il-każ tal-agenda tal-qtuħ tas-siġar taż-żnuber fi Triq Valletta b'mod klandestin. Hu qal li malli sar jaf mar jara personalment u bagħat għall-pulizija. Intant tlabna lill-Dr Cuschieri, id-Direttur tal-ELC sabiex imexxi l-każ mal-bord konċernat minn vandaliżmu ecc. Is-SE kien mitlub jibgħat reminder dwar dan lil Dr Cuschieri.

22. Il-KLM kien laqa' l-proposta tal-eks kunsillier Charles Farrugia fejn dan kien irrakkomanda illi jintużaw is-servizzi ta' Dr Ian Stafrace LL.D., u dan bagħat kont ta' €118 sabiex iddraftja l-ittra mibgħuta f'isimna u f'isem il-każini tal-baned (tard) lill-MEPA fejn qed nuru oġġezzjoni għall-iżvilupp PA1174/09 ta' art f'tax-Xatba l-Ħamra. Dwar il-proposta ta' żvilupp tas-Sur Baldacchino inżammu diversi laqgħat mal-istakeholders fil-Muniċipju. Is-SE mar ħa personalment l-oġġezzjoni tal-KLM lill-MEPA u issa aħna kkwalifikajna bħala registered objectors.

23. Paul Spiteri irrapporta it-tappiera tad-drenaġġ li qed tħabbat meta jgħaddu l-vetturi minn fuqha quddiem ir-residenza Miraflores, Triq tas-Sejba. Is-SE se jgħaddi għal darb'oħra l-ilment case no 20113035203237, wara li kien għaddih u għollew it-tappiera 'l fuq il-ħaddiema tal-KSI.

24. Paul Spiteri tkellem ma' rappreżentant tal-WOW tal-Kulleġġ San Benedittu Skola Sta Lucia. Hu qal li għal din il-laqgħa dawn stiednu l-kunsilli lokali biex fi tmiem il-ġimgħa ta' waħda mill-ġimgħat ta' Mejju, ntellgħu stand b'informazzjoni dwar il-lokalita' flimkien ma artisti li jkunu jistgħu itellgħu wirja bix-xogħlijiet tagħhom. Madankollu se ssir laqgħa oħra dwar id-dettalji ta' dan l-avveniment fi Frar.

25. Is-Sindku semma' l-kodiċi ta' etika tal-kunsillieri. Hawn kien deċiż illi flok ikun ipprintjat, dan ikun ċirkulat b'mod elettroniku lill-kunsillieri.

26. Grace Marie Mallia qalet li għandha ssir talba formali sabiex l-iSqaq tal-Kmamar tan-Nar jiġi fil-konfini tal-Imqabba. Hawn tqajjem dibattitu fejn intqal illi dan l-aħħar saret manutenzjoni tajba mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Pero' se ssir talba konġunta mill-KLM u dak tas-Siġġiewi sabiex dan l-isqaq jingħatat it-tarmak mill-Ministeru tat-Trasport u Komunikazzjoni.

27. Kienet approvata l-Payment Approval Sheet numru 474.

28. Kienet proposta viżita lill-Iskola Primarja nhar fl-aħħar ġurnata tat-tfal mis-Sindku u l-kunsillieri kif ukoll viżita lill-CCF biex il-kunsillieri jżuru l-inmates nhar 27 ta' Diċembru, 2013 fl-4.00pm.

29. Is-Sindku se jattendi għall-Jum il-Premjazzjoni tal-Iskola Primarja tal-Imqabba li se tinżamm nhar id-19 ta' Diċembru, 2013 u l-ktejjeb se taħseb għalih il-Kap tal-Iskola stess.

30. Is-Sindku se jattendi wkoll l-attivita' li se tkun orgtanizzata f'Jum ir-Repubblika nhar it-13 ta' Diċembru, filwaqt li qal li l-ikla tal-kunsillieri se ssir f'xi ġurnata aktar 'il quddiem f'Jannar, 2014.

31. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba approva t-trasferiment ta' mija u għoxrin siegħa *vacation leave* tas-Segretajru Eżekuttiv għas-sena 2014.

32. Il-laqgħa ntemmet fid-9:30pm filwaqt li l-laqgħa li jmiss se ssir f'ġurnata miftehma aktar 'il quddiem f'Jannar, 2014.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*07/01/2014 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |